- *Debilita` permanenti kawża ta' ħabta bejn żewġ vetturi*
- *mulitplier*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 10 TA' JANNAR 2019.**

# Rikors Nru. 566/2010GM

**ALFRED CUSCHIERI**

**VS**

**MARY LOUISE REFALO**

**Il-Qorti,**

Rat it-Talba Maħlufa li permezz tiegħu l-attur, abbażi tal-premessi illi:

1. kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla bin-numru ta' reġistrazzjoni EAZ 093 fi Triq Durumblat Mosta fis-6 ta' Lulju 2008 u seħħ inċident stradali meta l-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAF 051 marret fuq in-naħa l-ħażina tat-triq u bħala konsegwenza kkawżat skontru stradali bejn l-indikati vetturi.

2. l-inċident stradali seħħ unikament minħabba imperizja, negligenza, imprudenza u innoservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta illi għamlet manuvra inadatta u perikoluza mingħajr ma ħadet d dovuti kawteli.

3. b'riżultat ta' dan l-inċident stradali l-attur safa' imweġġa' gravament u ser jibqa' permanentement debilitat, u dan *oltre* d-danni materjali u ta' natura patrimonjali minnu wkoll sofferti.

4. il-konvenuta bl-ebda mod ma għamlet tajjeb għad-danni kkagunati kif imfisser.

5. l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident stradali imsemmi.

Talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fi Triq Durumblat Mosta fis-6 ta' Lulju 2008 u għad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur.

2. tillikwida d-danni okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. tikkundannaħa tħallas lill-istanti dawk l-ammonti kif likwidati. Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali presentata f'Marzu tas-sena 2010 u tal-ittra uffiċjali preżentata kontestwalment mar-rikors maħruġa kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imgħax skond il-liġi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa li biha l-konvenuta eċċepiet illi:

1. l-ewwel talba għandha tkun miċħuda għaliex l-inċident ġara unikament ħtija tal-istess attur.

2. it-tieni talba tar-rikorrent għandha għalhekk tkun riġettata għaliex, fejn jirrigwarda l-esponenti, ma hemmx danni x'jiġu likwidati.

3. fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-entita` tad-danni pretiż huwa kkontestat. Għaldaqstant l-attur għandu jagħmel il-prova tad-danni skond il-liġi.

4. it-tielet talba għandha tkun miċħuda billi l-esponenti m'għandhiex tkun ikkundannata tħallas ebda danni;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-każ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta li fis-6 ta' Lulju 2008 fi Triq id-Duramblat, il-Mosta kien hemm ħabta bejn il-karozza misjuqa mill-attur u l-karozza misjuqa mill-konvenuta. L-attur kien qed isuq fid-direzzjoni lejn il-Mosta mill-Marsa fis-siegħat bikrin ta' filgħodu wara li kien spiċċa xogħol *part-time* waqt il-*wine-festival* ġewwa Hastings Garden. Mad-daqqa l-attur intilef minn sensih u reġa' rkupra s-sensi tiegħu ġimgħa wara meta sab ruħu l-isptar (ITU);

Illi fit-triq fejn seħħ l-inċident kien qed isiru xi xogħolijiet u kien hemm *barriers* fil-ġenb tagħha b'tali mod li wieħed xorta waħda seta jgħaddi minnha għax il-*barriers* ma kienux qed jgħalqu t-triq kollha. Skont l-attur, il-karreġġjata tiegħu kienet miftuħa u anke kien hemm sinjali tat-traffiku li jindikaw illi l-aċċess kien miftuh. Jgħid illi fuq in-naħa tal-lemin iġifieri fil-karreġġjata opposta kien hemm sitt *jersey barriers* li kienu jaslu sa nofs it-triq;

Illi fil-karreġġjata illi kien qed isuq fiha l-attur kien hemm gandott.[1] Skont l-attur, il-gandott kien mimli bit-torba iġifieri seta' jgħaddi minn fuqu u ma kienx hemm xi ħofor li kienu qed jostakolawh milli jgħaddi. Dan jixhduh is-sett ritratti esebiti mill-attur stess[2]. Minn naħa l-oħra skont il-konvenuta, li kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, kienet qed issuq fuq sajdha, bla dawl u l-gandott kien għadu mħaffer u ma kienx livell mat-triq u '*min ried isuq fuq dik il-lane bilfors ried jiġi fuq il-lane tiegħi għax ma setax isuq fuq il-gandott'*[3]. Il-konvenuta xehdet ukoll illi għalhekk, meta seħħet il-ħabta, l-attur kien qiegħed isuq fil-karreġġjata tagħha għax '*minhabba l-gandott ġie n-naħa tiegħi…u baqa dieħel ġo fija'*.[4] Issostni li b'konsegwenza tal-impatt, iż-żewġ vetturi spiċċaw fuq in-naħa l-oħra tat-triq (ċjoe` fuq in-naħa tax-xellug tal-attur) u dik tal-attur intefgħet ukoll lura. Ir-ritratti esebiti mill-attur juru ukoll illi wara l-inċident, iż-żewġt karozzi spiċċaw fil-karreġġjata ta' fejn kien qed isuq l-attur. Juru frak (*debris*) riżultanti mill-ħabta bejn iż-żewġ karozzi fuq in-naħa tax-xellug tal-attur, iżda mhux ukoll fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. Dan jindika li l-ħabta seħħet fil-karreġġjata talk-attur, u mhux tal-konvenuta, kuntrarjament għal dak li ssostni l-konvenuta. Barra minn hekk, turi l-gandott mirdum kif qal l-attur, u mhux mikxuf kif sostniet il-konvenuta. Għalhekk ix-xhieda li tat il-konvenuta mhix qiegħdha titqies li għandha titwemmen minn din il-Qorti, li iktar tagħti fidi lil dik mogħtija mill-attur. Kjarament, l-inċident seħħ minħabba t-traskuraġni fis-sewqan tal-konvenuta li nvadiet il-karreġġjata li kien qiegħed isuq fiha l-attur;

Illi minħabba dan l-inċident, l-attur sofra ġrieħi gravi u baqa' permanentament debilitat. Kellu ksur tal-ġog tal-koxxa tal-lemin (*acetabulum*) u tal-għadma *pubis* tax-xellug u lussazzjoni tal-ġog sakro-ilijaku tax-xellug. Kellu ukoll ksur ta' numru ta' kustilji u tbenġil taż-żewġ pulmuni u laċerazzjoni tal-fwied. Saru żewġ interventi kirurġiċi, twaħħal *pin* minn ġol-għadma tal-koxxa (*femur*) tal-lemin, u mal-*pin* sar il-piż. Kellha ssir *fasciotomy* tal-muskoli tal-koxxa tal-lemin u għeluq tal-ferita fil-koxxa riżultat tal-*fasciotomy*. L-attur qatta' ħames ġimgħat fis-sodda bil-piż, wara neħħewlu l-*pin* u beda jimxi bil-krozzi iżda baqa' jattendi għal-visti u fiżjoterapija l-isptar. Baqa' muġugħ u bil-krozzi. F'Jannar 2010 reġa' ddaħħal l-isptar għal operazzjoni fuq il-ġog tal-koxxa tal-lemin u saritlu *total hip replacement*. Erba' xhur wara din l-operazzjoni beda jimxi mingħajr l-użu tal-krozzi. Reġa' daħal lura għax-xogħol iżda fuq *light duties* u ma ħadimx aktar *part-time*. L-espert mediku maħtur mill-Qorti, Dr Massimo Abela irrelata illi l-attur għadu jzappap fuq il-lemin iżda ma jużax bastun. Hemm diskrepanza fit-tul tas-saqajn ta' ċentimetru u nofs (1.5ċm) bis-sieq tal-lemin iqsar

---

[1] xhieda tal-attur a fol 20A

[2] dok AF1-AF, fol 117

[3] xhieda tal-konvenuta a fol 83

[4] *ibid* a fol 85

minn tax-xellug u jżomm ir-riġel tal-lemin imdawwar 'il barra (*externally rotated*). Hemm movimenti limitati fil-ġog tal-koxxa tal-lemin u l-ġog ifaqqa' meta jiddawwar 'il barra. Iċ-ċirkonferenza tal-koxxa tal-lemin hi inqas minn dik tax-xellug.[5] L-attur għadu jħoss uġiegħ fuq in-naħa ta' barra tal-koxxa tal-lemin minn żmien għal żmien speċjalment meta jqum minn bilqegħda u meta jitbaxxa u jbagħti ukoll minn bugħawwiġ. Iħoss tnemnim fis-saba l-kbir tas-sieq tal-lemin u jkollu juża' suletta fl-istess sieq. Minn wara d-daqqa geddumu baqa' mtarrax u x-xedaq ifaqqa'. "Il-probabilita` hi li maż-żmien it-*total hip replacement* tibda tmur lura, u jaf jiġi żmien fejn ikollu bżonn jgħaddi minn *revision*, jiġifieri li jkun hemm bżonn li jinbidel il-ġog artifiċjali."[6] Konsegwenza tal-ksur, l-attur żviluppa artrite qawwija fil-ġog u jista' jwassal għal-uġiegħ kroniku fid-dahar. L-espert sab rata ta' diżabilita` fiżika ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%);

Illi l-attur, għalkemm jagħti lista' ta' spejjeż allegatament imħallsin minnhom, konsistenti fi spejjeż legali u mediċi kif ukoll telf ta' overtajm, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, u mid-dehra dawn kienu fil-fatt esibiti waqt is-smiegħ tal-kawża, dawn ma jinstabux fil-proċess u għalhekk din il-Qorti mhix sejra tiegħu konjizzjoni tagħhom;

Illi qabel l-inċident, l-attur kien jaħdem mal-IPSL iġifieri kien wieħed mill-ħaddiema li qabel kienu jaħdmu mad-*Dockyard* u x-*Ship Building* imbagħad ġew assenjati ma' dipartimenti tal-Gvern u kien kapaċi *'jagħmel kollox'*[7]. Meta weġġa' kien talab biex jibdlulu x-xogħol għal wiehed *b'light duties* u kien mar il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera. Dam xhur twal sakemm irkupra u kien imur bil-krozzi. Wara li rkupra kien assenjat jagħmel xogħol ta' tikħil u illum il-ġurnata jagħmel diversi xogħolijiet iżda kemm jista' jkun jiġi assenjat xogħol fuq ġewwa flok barra u ma jitlax fuq *scaffolding*. Ċertu xogħol ma jiġix mgħoddi lill-attur minħabba d-diżabilita` tiegħu u għalkemm bħala paga ma jiġix affettwat, mhux dejjem ikun jista' jiġi mogħti *overtime*. Xorta waħda jingħata *overtime* imma mhux daqs kemm jingħata lil ħaddiema oħra mingħajr diżabilita`[8];

Illi sabiex jiġi kkalkulat in-nuqqas ta' qligħ previst li jseħħ fil-futur, tintuża' l-għodda tal-*multiplier*. 'Illi għar-rigward tal-*multiplier*, irid jingħad li din hija għodda li normalment tintuża bħala meżż biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attur jiġi kalkolat kemm jista' jkun b'mod li jqarreb għal x'kienu jkunu ċ-ċirkostanzi li kieku ma jkunx seħħ l-inċident.'[9] Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*";[10]

Illi jirriżulta li fis-sena li fiha seħħ l-inċident (2008) l-attur daħħal €1068 minn xogħol part-time.[11] Id-dħul gross (inkluż l-overtajm; mhux ikkwantifikat) mill-impjieg ewlieni – li l-attur

---

[5] rapport tal-espert mediku a fol 26
[6] i*bid* a fol 30
[7] xhieda ta' Renee Savona Ventura a fol 35B
[8] *ibid* a fol 35Ċ
[9] Joseph u Raina miżżewġin Borg v Gaetano Bonniċi – 24.06.2008 Prim'Awla
[10] Peter Cane, ***Atiyah's Accidents, Compensation and the Law*** (6th Edit, 1999), paġ. 122, kif ikkwotata fis-sentenza *Joseph u Raina miżżewġin Borg v Gaetano Bonniċi* – 24.06.2008 Prim'Awla
[11] dok JC-1 a fol 136

baqa' jżomm wara l-inċident – kien ta' €10,927.94; fis-sena ta' wara (2009) kien ta' €15,895.39 u fis-sena 2010 kien ta' €14,606.10. Billi l-overtime m'huwiex dħul garantit, il-Qorti sejra tieħu bħala bażi s-somma gross ta' €13,000, li minnhom tnaqqas €2700 minħabba taxxa u kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali. Għalhekk il-Qorti sejra tqis id-dħul annwali nett b'total ta' €10,300 mill-impjieg ewlieni. Total tad-dħulnett miż-żewġ impjiegi jiġi €11,368. Mhix sejra tqis żidiet minħabba l-għoli tal-ħajja u possibbli awment fis-salarju. Bħala *multiplier,* billi jidher li l-eta` tal-irtirar għall-attur hija ta' 64 sena, il-Qorti sejra tagħmel *multiplier* sa 60 sena minhabba ċ-*chances and changes of life*. Meta seħħ l-inċident l-attur kellu 48 sena u għalhekk il-Qorti sejra tuża *multiplier* ta' 12-il sena. Illi l-Qorti, mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħdha tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat.[12] Dan apparti li għaddew għaxar snin sħaħ mid-data tal-inċident. Għaldaqstant l-ammont ta' danni bħala *lucrum cessans* huwa ta' €11,368 x 12 x 25% = €34,104;

***Decide*:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħdha tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet tal-attur u konsegwentement:

1. tiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fil-Mosta fis-6 ta' Lulju 2008 bejn karozza EAZ 093 misjuqa mill-attur u l-karozza numru JAF 051 misjuqa mill-konvenuta minħabba traskuraġni fis-sewqan.

2. tiddikjaraha unikament responsabbli għad-danni subiti mill-esponent minħabba l-inċident.

3. tillikwida d-danni kollha subiti mir-rikorrent b'riżultat tal-istess inċident fis-somma ta' **€34,104.**

5. tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż a kariku tal-konvenuta u bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.

Onor. Imħallef
Grazio Mercieca

[12] Trevor Grech v Lawrence Agius – 17.10.2018, Prim'Awla